Kunsill Lokali Ħal Tarxien

# Rapport Annwali Amministrattiv

Lulju– Dicembru

2019

73, TRIQ SANTA MARIJA, ĦAL TARXIEN TXN 1704

# *Table of Contents*

**1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku ... 3**
**2.0 Il-Kunsill Lokali ... 4**
2.1 Il-Kunsill ... 4
2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera ... 5
2.3 Seduti tal-Kunsill Lokali ... 6
2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill ... 6
**3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali ... 7**
3.1 Il-Finanzi ... 7
**4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali ... 9**
4.1 Dettall tar-rapport ta' ħidma implimentat mis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera ... 9
5.0 Konkluzjoni ... 16

# 1.0 L-Introduzzjoni tas-Sindku

Minn l-1 ta` Lulju 2019, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien beda bil-ħidma tiegħu favur dan ir-raħal u b'rizq ir-residenti li jabitaw fiħ.

Aħna bdejna l-ħidma tagħna billi għamilna diversi *clean-ups* f' żoni madwar ir-raħal u ħadna wkoll inizjattiva li nirranġaw il-Berġa. Bqajna nirranġaw diversi toroq u bankini bl-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u ħadna ħsieb il-bdil ta' tabelli, żebgħa tar-*road markings* u manutenzjoni oħra li kien hemm bżonn fuq barra fit-toroq u l-ispazji pubbliċi tal-lokal.

Organiżżajna diversi attivitajiet kultarali flimkien ma' attivitajiet oħra għal-anzjani u ż-żagħżagħ tagħna għax il-Kunsill jemmen li jkun hemm aktar ħegga bil-partecipazzjoni mir-residenti u l-ħidma tal-Kunsill Lokali tkun tista' titla' skala oħra 'l fuq.

Il-Kunsill applika għall-skemi li minn żmien għal żmien jinħargu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll għall-iskema tan-*Norway Funds*, fejn tinagħta għajnuna finanzjarja sabiex nimplimentaw aktar inizjattivi u attivitajiet għar-resident ta' kull eta. Dawn jinvolvu tagħlim varjat, *up-grades* fil-librerija tagħna, aktar ħarsien għall-annimali, *clean-ups*, attivitajiet fiżici u ħafna oħrajn.

Il-Kunsill se jibqgħa jaħdem bla qies sabiex is-sitwazjoni finanzjarja titjib u jkun jista' jagħti lir-resident dak li jixraqlu, għaldaqstant hija x-xewqa li fis-snin li ġejjin ikolna binja tal-Kunsill ġdida li tkun *one-stop-shop* sabiex ir-resident ikun moqdi bl-aħjar mod possibli.

Nixtieq intemm id-diskors tiegħi billi nirringrazzja lil dawk l-entitajiet li tant urew solidarjeta mal-Kunsill tagħna f'dawn ix-xhur minn meta ġejna eletti, kif ukoll grazzi mill-qalb lilkom ir-residenti tal-fiduċja li tajtuna sabiex il-ħidma tagħna tkun suċċess.

__________________

Joseph Abela
*Sindku*

# 2.0 Il-Kunsill Lokali

## *2.1 Il-Kunsill*

Ħal Tarxien huwa raħal b'popolazzjoni ta' madwar 8,627 persuna. Għalhekk skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien huwa kompost minn seba\` kunsilliera, b'Sindku u Viċi-Sindku eletti direttament mill-poplu. Matul l-2019, il-Kunsill lokali kien qiegħed iħejji l-pjanijiet sabiex sa tmiem l-istess leġislatura, ikun jista' jimplimenta numru ta' inizjativi u proġetti fil-lokalita' ghall-ġid ta' raħal u tal-komunita' tiegħu.

Permezz tar-reponsabiltajiet mogħtija lil kull Kunsillier il-ħidma għar-raħal għaddejja b\`kontinwita sabiex nieħdu ħsieb lir-residenti u nkunu aktar viċin filwaqt li nkomplu nsebbħu l-lokalita\`kif jixirqila.

Il-parti amministrativa tal-Kunsill Lokali matul Lulju 2019, kienet immexxija mis-Segretarju Ezekuttiv megħjun minn ħaddiema amministrattivi. Flimkien ma\`l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali tieħu ħsieb tikkordina l-ħidma kollha tal-Kunsill Lokali, tikkontrolla l-finanzi u fuq kollox timplimenta d-deċiżjonijiet eżekuttivi li jittieħdu mill-Kunsilliera fis-seduti tal-Kunsill Lokali.

Il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill Lokali jiġi ffaċilitat bil-ħidma ta' diversi individwi permezz ta' ħaddiema assenjati, għajnuna volontarja, ir-residenti kif ukoll il-membri tas-Sotto-Kumitati li jiġu maħtura mill-Kunsilliera u li xogħolhom ikun illi jiddiskutu u jressqu proposti li imbagħat jiġu diksussi waqt is-Seduti tal-Kunsill Lokali li jinżammu mill-lanqas darba f\`xahar jew meta jkun meħtieġ.

Il-Kunsill Lokali se jkun aktar viċin il-pubbliku permezz ta\` żewg laqgħat annwali fejn il-Kunsill ikun jista\` jwassal u jiddiskuti l-ħidma tiegħu u anke jilqgħa suġġerimenti u lmenti tal-pubbliku.

## 2.2 Responsabilitajiet tal-Kunsilliera

Hija prerogattiva tas-Sindku li kull Kunsillier elett jingħata responsabbilitajiet ta' setturi varji biex fihom kull Kunsillier jaħdem biex il-programm elettorali u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-Kunsill ikun iffaċilitat. Għal dan il-għan, ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilliera u tas-Sindku innifisha kif deċiz mis-Sindku kienu dawn:

**Sindku - Joseph Abela Galea responsabbli minn;**

Indafa
Ambjent

**Viċi Sindku – Darlene Vella Zammit responsabbli minn**;

Anzjani u Qasam Soċjali
Trasport

**Kunsillier – Neil Portelli responsabbli minn;**

Zagħzagh u Tfal
Sports u Attivitajiet Fiżiċi

**Kunsillier – Thomas Debattista responsabbli minn;**

Infrastruttura
Proġetti Strutturali
Integrazjoni Soċjali

**Kunsillier – Christian Pace responsabbli minn;**

Storja
Komunitajiet
Kultura

**Kunsillier – Ismael Dalli se responsabbli minn;**

Innovazzjoni
Saħħa

**Kunsillier - Anabelle Marmara' responsabbli minn;**

Edukazzjoni
Familja
Ħarsien ta' l-Animali

## 2.3 Seduti tal-Kunsill Lokali

Bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Dicembru 2019, fit-tmien leġislatura inżammu ħdax il-laqgħa (11) tal-Kunsill, fosthom kienu żewg laqgħat għall-pubbliku fejn ġie preżentat il-Pjan ta Ħidma ghall-ħames snin kif ukoll il-*Budget* għas-sena 2020.

## 2.4 L-Amministrazzjoni tal-Kunsill

L-Istaff kollu tal-Kunsill iwettaq b'ħidma kontinwa r-responsabbiltajiet kollha tal-Kunsill u huwa mpossibli li wieħed jelenka bid-dettalji kollha l-ħidma li jwettqu l-istaff tal-Kunsill. Ix-xogħol meħtieġ sabiex jirnexxu kemm il-laqgħat, kif ukoll kull xogħol ieħor tal-Kunsill ħafna drabi jkun impenjattiv, xogħol li jkun mibni, ppreparat u jitlesta mill-impjegati tal-Kunsill.

L-Amministrazzjoni tal-Kunsill hija komposta minn Segretarju Ezekuttiv li hu responsabbli mill-operat sħiħ tal-Kunsill Lokali, amministrazzjoni, finanzi u riżorsi umani, kif ukoll min ħames skrivani li jgħinu fl-operat kollu tal-Kunsill.

Matul din is-sena l-ħaddiema ssekondati mal-Kunsill kienu għaxra li jagħmlu xogħol varjat fuq barra fil-lokal. Fosthom, road markings, tindif ta` ġonna pubbliċi, knis, tindif tal-letrina, installazzjoni ta` tabelli ġodda, tindif ta` spralli u ħafna aktar xogħol siewi fil-lokal Tarxiniez.

Il-Kunsill Lokali jirreġistra l-ilmenti li jidħlu mingħand ir-residenti u individwi li javviċinaw lill-Kunsill Lokali. Minkejja li kif imtenni jeżisti reġistru, f'sena kalendarja jidħlu mijiet ta' ilmenti oħra li ma jiġux reġistrati għaliex tittieħed azzjoni dwarhom b'mod immedjat. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll ilmenti li jaslu għandu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Il-ħidma fuq dawn l-ilmenti tokkupa regolarment lill-impjegati tal-Kunsill fuq bażi kwotidjana. Dawn minbarra li janalizzaw il-problemi, jiddiskutuhom mas-Segretarju Eżekuttiv għall-azzjoni li għandha tittieħed u jibdew proċeduri ta' verifika ta' dawn l-ilmenti, li uħud minnhom ma jkunux verifikabbli, jaraw ukoll li jinfurmaw lid-dipartimenti, jew kuntratturi u persuni responsabbli fejn dawn l-ilmenti jiġu solvuti għas-sodisfazzjon tar-residenti.

# 3.0 Il-Finanzi tal-Kunsill Lokali

## 3.1 Il-Finanzi

**Funds received from central Government**

| | 2019 EUR | 2018 EUR |
|---|---|---|
| In terms of section 55 of the Local Councils Act (Cap 363) | **567,870** | 538,370 |
| Supplementary Government Income | **25,109** | 22,028 |
| Other Government Income | **5,488** | 6,600 |
| Organic collection fees | **46,307** | - |
| | **644,774** | 566,998 |

**Local enforcement income**

| | 2019 EUR | 2018 EUR |
|---|---|---|
| Income raised from Contraventions | **628** | 785 |
| Commission Income for contraventions paid at Council | **4,152** | 5,423 |
| | **4,780** | 6,208 |

**Investment Income**

| | 2019 EUR | 2018 EUR |
|---|---|---|
| Bank Interest | **306** | 624 |

**Personal Emoluments**

| | 2019 EUR | 2018 EUR |
|---|---|---|
| *Key Management Personnel* | | |
| Mayor's Honoraria | **13,690** | 11,196 |
| Councilors' Allowance | **13,300** | 8,700 |
| Executive Secretary salary and allowances | **28,591** | 32,368 |
| | **55,581** | 52,264 |
| *Operations Personnel* | | |
| Employees' salaries | **58,181** | 48,677 |
| Social Security Contributions | **7,488** | 7,081 |
| | **65,669** | 55,758 |
| | **121,250** | 108,022 |

## Operations and Maintenance

| | 2019 EUR | 2018 EUR |
|---|---|---|
| **Repairs and upkeep:** | | |
| Road and street pavements (patching works) | **22,713** | 21,714 |
| Road markings and street signs | **2,552** | 4,534 |
| | **25,265** | 26,248 |
| **Contractual Services:** | | |
| Refuse collection | **73,990** | 64,029 |
| Landfill tipping fees | **67,731** | 64,554 |
| Bulky refuse collection (including open skips) | **25,171** | 11,812 |
| Road and street cleaning (mechanical and manual) | **34,516** | 33,949 |
| Cleaning and maintenance of public conveniences | **-** | 1,076 |
| Cleaning and maintenance of parks and gardens | **15,704** | 12,008 |
| | **217,112** | 187,428 |
| | **242,377** | 213,676 |

## Administration and other expenditure

| | 2019 EUR | 2018 EUR |
|---|---|---|
| Utilities | **6,199** | 7,864 |
| Rent and other leases | **1,818** | 5,600 |
| National and international memberships | **917** | 348 |
| Office services | **5,874** | 2,786 |
| Travel | **-** | 188 |
| Transport | **1,496** | 1,948 |
| Information services | **90** | 56 |
| Other contractual services | **10,132** | 6,627 |
| Professional services | **36,028** | 14,206 |
| Community and hospitality | **6,065** | 5,613 |
| Depreciation and amortization | **162,849** | 256,075 |
| Bank charges | **184** | 326 |
| PPP Loan – implicit interest charge | **-** | 16,564 |
| Finance cost - IFRS 16 | **453** | - |
| Audit fee | **4,000** | - |
| Impairment on trade receivables | **(6,481)** | 3,591 |
| Loss on disposal of assets | **63** | - |
| | **229,687** | 321,792 |

# 4.0 Il-Ħidma tal-Kunsill Lokali

## *4.1 Dettall tar-rapport ta' ħidma implimentat mis-Sindku, l-Vici Sindku u l-Kunsilliera*

**Joseph Abela Galea**
**Sindku responsabbli mill-Indafu u Ambjent**

Bħala Kunsill għamilna mezz li l-indafa u l-ambjent ikunu parti integrali fil-ħidma tagħna. Rajna li t-tindif u l-affarijiet kollha li jaqgħu taħt dan id-dekasteru, isiru regolari speċjalment f'postijiet li huma ħafna ffrekwentati mir-residenti Tarxiniżi. Bdejna billi rajna li l-għaxar ġonna li għandna ġewwa Ħal-Tarxien li huma; Ġnien Santa Marija, Ġnien Misrah Buleben, Ġnien 2000, Joanne Garden, Ġnien Misraħ Raħeb, Ġnien Penza, Ġnien Kurunell Mass, Ġnien Mark Farrugia, Ġnien Ovindoli u l-Ġnien ta' ħdejn it-Tempji Neolitiċi ikunu dejjem fi stat tajjeb. Dan jinkludi tindif fil-ġonna u fiż-żona tal-madwar, tindif u tbattil tal-bins tal-iskart, knis u ġbir ta' skart.

Rigward il-gażibo li tinsab fil-ġnien ta' ħdejn it-tempji, għamilna t-tindif u l-manutenzjoni meħtieġa biex aktar il-quddiem din tinfetaħ għas-servizz pubbliku. Flimkien mal-ġonna, innadfu ukoll regolari l-bandli ta' Ġnien Santa Marija, Joannes Garden u Misrah Buleben.Postijiet oħra fejn l-indafa qed tingħata importanza kbira huma l-isqaqien kollha li jinsabu ġewwa Ħal-Tarxien bħal sqaq l-Erwieh, l-isqaqien fi Triq Santa Marija flimkien ma' Triq Sant Anna u Triq il-Blata, u l-isqaqien kollha ta' wara l-knisja. Apparti dawn, qed jitnadfu ukoll fuq bazi regolari Misraħ is-Suq, Misraħ Repubblika, Misraħ Raħeb u Pjazza Agatha Barbara.

It-toroq ta' Ħal-Tarxien saru ukoll parti fundamentali fid-dekasteru ta' l-indafa u ambjent. It-toroq prinċipali bħal Triq tal-Barrani, Triq Ħal-Luqa, Triq id-Dejma, Triq San Anard, Triq Paola, Triq Santa Marija, speċjalment ħdejn il-Berġa u fejn il-Monument tal-Gwerra, Triq Palma u r-roundabout li tagħmel parti mill-konfini ta' Ħal-Tarxien. Għamilna wkoll mezz li ma jinġemax xi tip ta' ħmieġ, skart u ħaxix ħażin. Din il-miżura ttieħdet ukoll għat-toroq li m'humiex prinċipali, imma huma traffikuzi jew frekwentati mill-abitanti bħal Triq Xintill, Triq is-Sorijiet, Triq Kelinu Cachia, Triq il-Ħaġar, Triq il-Fieres u Triq Betta.

**Darlene Vella Zammit**
**Vici Sindku responsabbli mill-Anzjani, Qasam Socjali u Trasport**

Meta jiena ġejt fdata dan id-dekasteru jiena ħtart sotto kumitat biex ikolli iktar għajnuna biex inkunu nistgħu nilħqu iktar anzjani tal-lokal. Is-sotto kumitat huwa magħmul minn seba’ persuni.

L-ewwel attivita’ li kellna kienet f’ Ottubru li għadda. Din kienet ħarga kulturali l-Belt Valletta fejn fiha kienu attendew erbatax il-persuna u f`Novembru organiżżajna attivita’ fir-raħal tagħna fejn kienu attendew erbgħin ruħ. Matul ix-xahar ta’ Diċembru għamilna party tal-Milied għall-anzjani fejn kellna attendenza rekord ta’ sebgħin persuna.

Mal-bidu tas-sena, f’ Jannar li għadda bdejna kors għall-anzjani kif għandhom jieklu u jieħdu ħsieb saħħithom fejn jagħmlu wkoll ftit eżerċizzju. Il-limitu bħala numru ta’ persuni huwa ta’ ħamsa u għoxrin ruħ. Is-sezzjonijiet ta’ dan il-programm qegħdin isiru fis-sala tal-Arċipriet li grazzi għalih ġiet offruta mingħajr ħlas. Fi Frar organiżżajna ħarġa ż-Żebbiegħ fejn attendew sittin ruħ u fil-bidu ta` Marzu għamilna ġurnata għal Għawdex fejn konna ħamsa u tletin persuna. Din intlaqgħet tajjeb ħafna minn dawk li attendew.

Mill-bidu nett meta jiena ġejt fdata bir-responsabbilta’ tat-trasport fir-raħal, bdejt naħdem minnufih fuq il-problema l-kbira li għandna fl-area ta’ Triq San Anard. Dawn ir-residenti u anke’ tal-madwar qed jiġu affetwati l-ħin kollu minħabba l-konfużjoni tat-traffiku li hemm.

Qed naħdem mill-qrib ma’ TM biex fl-areas tal-madwar jiġu rranġati d-direzzjonijiet tat-traffiku, dan biex ma tibqax il-konfużjoni li hemm bħalissa u jiġu evitati iktar inċidenti. Barra min hekk tkellimt mal-Kunsill Lokali taż-Żejtun minħabba li anke huma għandhom l-istess sfida bħalna fl-area imsemmija fejn saret proposta ta’ roundabout li ssir fit-triq prinċipali li tmiss ma’ San Anard kantuniera ma’ tarf Triq Żejtun.

Qegħda naħdem fuq proġett flimkien mal-entitajiet li għandhom x’jaqsmu ma’ dan il-qasam biex inkunu l-leħen mill-lokalita’ tagħna għal dawn il-persuni vulnerabbli. Iktar dettalji fuq dan il-proġett jingħataw il-quddiem.

**Neil Portelli**
**Kunsillier responsabbli miz-Zaghzagh, Tfal, Sports u Attivitajiet**

Bħala l-iżgħar Kunsillier fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħal Tarxien inħossni xxurtjat li ġejt fdat mis-Sindku u sħabi l-Kunsilliera bir-responsabilita' taż-Żgħażagħ, Sports, Tfal u Attivitajiet Fiżiċi.

Kienu disa' xhur impenjattivi fejn bħala Kunsill prattikament ġdid għal-kollox flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ġdid is-Sinjura Emma Vella, ħdimna qatigħ sabiex nreġġgħu lura fuq saqajh lil dan il-Kunsill Lokali minn aspett finanzjarju.
Bdejt il-ħidma tiegħi permezz ta' laqgħat flimkien ma' kumitati li jirrappreżentaw żgħażagħ kif ukoll għaqdiet sportivi ġewwa r-raħal tagħna. Nista' ngħid li kienu laqgħat produttivi fejn ġew diskussi diversi punti relatati maż-Żgħażagħ u Sports kif ukoll suġġerimenti inġenerali għall-ġid ta' raħalna.

F'Settembru 2019 ġiet organizzata 'Open Air Gym Session' ġewwa l-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mas. Matul din is-sessjoni, dawk preżenti kellkom l-opportunita li jiġu mħarrġa b'mod prefessjonali ta' kif għandu jiġi użat l-apparat installat.
Wara nuqqas ta' snin ħassejna l-bżonn li għal żmien il-Festi tal-Milied 2019 terġa tiġi organizzata it-Tqassim ta' Rigali f'Ħal Tarxien. Attivita li b'wiċċi min quddiem ngħid kienet ta' suċċess kbir u ta' sodisfazzjoni meta tara lit-tfal kif ukoll lill-kbar jifirħu bil-'Christmas Father'. Atmosfera festiva li żgur daħħlet lil dan ir-raħal fl-atmosfera festiva tal-Milied.

Dan iż-żmien tas-sena 2020 kien pjanat li jkun b'mod ferm differenti milli dak li qegħdin nesperjenzaw preżentament. Kienu pjanati numru ta' attivitajiet differenti li jirrigwardjaw Żgħażagħ, Sport, Tfal u Attivitajiet Fiżiċi liema attivitajiet nista' niggarantixxi li ser jiġu posposti għal dati oħra fil-futur.

**Thomas Debattista**
**Kunsillier responsabbli minn Infrastruttura, Progetti Strutturali, Integrazzjoni**

Nixtieq billi nibda ngħidilkom grazzi tal-ħidma li saret mill-ewwel ta' Lulju 2019 s'issa. Id-dekasteru tiegħi huwa tal-kostruzzjoni u tat-toroq.

Ix-xogħol li kien ġa beda mill- Kunsill precidenti u komplejnieħ aħna biex jitwetaq bl-għajnuna tal-Gvern Centrali huma; Triq Mejju 1592 u Triq Il-Witja. Saru wkoll Triq Is-Sorijiet u Triq Ħal-Tarxien u l-istess ġew mgħejuna ukoll mil-gvern ċentrali.

Il-ħidma tkompli billi inħarsu l-quddiem mall-progett li qiegħed iwettaq il-Gvern tat-Triq tal-Barrani u miegħu ħa jsir it-tisbieħ ta' quddiem l-iskola Triq Agatha Barbara li jikkonsisti parkeġġ u tisbieħ bis-siġar. Ma dan jgħaqqad ix-xogħol ta' wara l-knisja u ta' quddiema ta' tisbieħ il-pjazza mill-ġdid.

**Christian Pace**
**Kunsillier responsabbli minn Storja, Komunitajiet u Kultura**

F'Lulju li għadda ġejt mogħti id-dekasteri tal-Għaqdiet, Storja u Kultura u komunitajiet. Flimkien ma dawn ġejt mogħti ukoll l'inkariġu biex flimkien mal-kunsillier Ishmael Dalli nkun amminstratur tal-paġna tal-Kunsill Lokali fuq Facebook.

Waħda mill-ewwel affarijiet li ħadt ħsieb fuq din il-paġna kien li kemm jistgħa jkun nwasslu aktar informazzjoni lir-residenti tagħna f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Kunsill. Introduċejt ukoll il-font tal-Malti biex kemm jista jkun nużaw il-lingwa Maltija b'mod tajjeb kif ukoll qed nwasslu ċertu avviżi bl'Ingliz u anke bit-Taljan, dan qed isir biex kemm jistgħa jkun nintegraw nies li ġew minn barra Malta u għazlu li joqghdu gewwa raħalna. Nistgħa ngħid li il-paġna tal-Kunsill żdiedet fl'ammont ta' nies li qiegħdin isegwuwa u qiegħed jintlaqa b'mod tajjeb il-mod ta' kif qed nwasslu l'avviżi tagħna. Qiegħed ukoll nieħu ħsieb li kif jidħol xi ilment permezz ta' messaġġ fuq l'istess paġna ngħaddieħ lil shabi il-kunsilliera jew lil xi ħadt mill-ħaddiema fl'ufficini tal-Kunsill.

Bdejt niltaqgħa ukoll ma kumitati tal-għaqdiet tar-raħal tagħna fejn il-ħsieb huwa li matul din is-sena jitwaqqaf sotto-kumitat bil-għan li jkun hemm ko-ordinazzjoni aħjar għal attivitajiet li jsiru jew ħtiġijiet ohra li jinqagħlu matul is-sena u anka biex kull għaqda tħossa stmata bl'istess mod mill-Kunsill Lokali.

Matul Dicembru saru attivitajiet tal-Milied mill-Kunsill Lokali bit-tema magħzula tkun Milied Malti f'Ħal Tarxien fejn għalkemm ma kontx involut direttament fl'organizzazjoni minħabba ragunijiet personali nista' nghid li dawn kienu success, ta' dan nghid proset lil sħabi fil-Kunsill għax-xoghol tagħhom. Minħabba problema finanzjarja li sibna ma tantx stajna nagħmlu aktar attivitajiet bħal dawn biss aktar tard matul din is-sena kif il-Kunsill ikun aktar fuq saqajħ finanzjarjament ser nara li jkollna aktar attivitajiet kulturali.

Matul din is-sena ukoll ser nibda nżur mħazen minn fejn isir tant xogħol mill-għaqdiet għal festi, karnival, Ġimgħa Kbira u tant attivitajiet li jtellgħu. Bdejt billi żort lil Għaqda Kultura u Armar fi żmien il-karnival u tassew ħadt pjaċir nara u nitgħallem kif jiġi preparati dawk il-kostumi kollha b'tant sagrifiċċju. Waqt li qiegħed nikteb dan ir-rapport ir-riżultat għadu mhux magħruf biss minn qalbi ngħidilhom grazzi talli għamiltu unur lir-raħal tagħna ġewwa il-Belt Valletta.

Matul din is-sena ser nibda nimplimenta il-*Heritage Trail* għal Tarxien, dan ser issir billi jibdew jitwaħħlu boards fejn postijiet storici li nsibu ġewwa raħalna, raħal li l'istorja tiegħu ma tieqafx fit-Tempji Neolitici izda tmur lil hinn minn hekk.

**Ishmael Dalli**
**Kunsillier responsabbli minn Innovazzjoni u Saħħa**

F'Novembru gie ikkordinat it-tqassim tat-titqib ta l-influwenza staġonali fejn ingħataw dan is-servizz mal-150 ruħ.

Bhala ħidma ghall-futur meta tispicca il-kontinġenza tal-pandemija hemm ippjanat lezzjonijiet fit-tisjir tajjeb ghas-saħħa bi prezz issussidjat .

Ghall-jum dinji kontra id-dijabete jekk ikun hem mil-fondi hemm pjan li jsiru testijiet taz-zokkor għal min għandu min 45 sena -il fuq.

**Anabelle Marmara'**
**Kunsilliera responsabbli minn Edukazzjoni, Familja u Ħarsien ta' l-Animali**

Saru laqgħat ma rappreżentanti ta' istituzjonijiet edukattivi fil- lokal bħall- skejjel u postijiet fejn tiġi mgħallma d- duttrina. Dan sar biex il- Kunsill jersaq iktar viċin ta dawn l-istituzzjonijiet u jkollhom punt ta referenza meta jkollhom bżonn informazzjoni relatata ma servizzi mogħtija mill- Kunsill Lokali.
Saru laqgħat ma uffiċċjali tal- Edukazzjoni biex ninforma ruħi dwar is- sistema edukattiva ġewwa pajjiżna. Barra minhekk dawn kienu ta' kontribut biex insir naf min huma l-persuni u l-entitajiet responsabbli f'oqsma differenti tas-sistema edukattiva nazzjonali.

Saru laqgħat mall- Kapijiet tal- iskejjel Primarja u Medja ta' Ħal Tarxien kif ukoll uffiċċjali tal- Pulizija, l- Armata u l-Protezzjoni Civili, biex tiġi evalwata l- possibilita li ssir attivita edukattiva minn dawn il- forzi tal- ordni. Din l-attivita ma seħħitx purament minħabba li ma ntlaħaqx ftehim fuq il- post fejn din kellha ssir.

Bħalha Kunsilliera responsabbli mill- Edukazzjoni ħadt ħsieb li nattendi regolarment attivitajiet li saru fl- iskejjel tal- Gvern bħall- Kunċerti tal- Milied u Jum il- Premjazzjoni fost oħrajn. Rajt ukoll li jkolli kuntatt regolari mal- ġenituri li għandhom it- tfal jattendu fl-iskejjel ta' Ħal Tarxien. Ta min jirrimarka li ma attendejtx ghall- attivitajiet li saru mill- iskejjel tal- knijsja fil- lokal minħabba li jien qatt ma ġejt mistiedna għalihom.

Saret ħidma biex jiġu identifikati familji vulnerabbli u li qegħdin f' riskju ta' faqar ġewwa l- lokal. Din saret bl- għajnuna ta ċertu għaqdiet f' Ħal Tarxien. Ma dawn il- familji qed jinżamm kuntatt regolari biex jiġu megħjuna fiċ- cirkostanzi permezz ta' affarijiet materjali li jiġu miġbura għalihom. Dawn il- familji qegħdin jiġu wkoll riferiti lil entitajiet kompetententi f'dan il- qasam. Barra minnhekk qed issir ħidma biex min hu vera fil- bżonn jiġi mogħti ikla kuljum min individwi li qed jagħmlu dan volontarjament. Familji oħra fil- bżonn qed jiġu wkoll riferiti lil Kappillan biex jgħinhom bi programmi oħra li hu responsabbli minnhom.
Flimkien mall- Parroċċa ġiet organizzata attivita' fejn ir- residenti kellhom l-opportunita' li jbierku l-annimali domestiċi tagħhom. Din saret f' Novembru 2019 fl- okkazzjoni tal- festa ta Sas Franġisk.

Matul il- perjodu tal- pandemija tal- Covid 19 inħass il- bżonn li jsir appell biex in-nies jikkontribwixxu f'donazzjonijiet ta' ikel tal- qtates. Dan minħabba li ċertu anzjani ma setgħux ikomplu jitimhu qtates li jgħixu barra. Din l-inizzjattiva kienet suċċess u d- donazzjonijiet ta' ikel għadhom deħlin sal- lum il- ġurnata.

Matul din is- sena kont ukoll parti minn Bordijiet ta' għażla biex jiġu mpjegati persuni fl-uffiċċju tal- Kunsill fi gradi ta' skrivan u receptionist.
Sar ukoll sforz qawwi biex nżomm kuntatt regolari mall- ħaddiema tal- Kunsill billi nattendi regolarment l-ufficcju.

Għamilt ukoll użu qawwi mill- mezzi soċjali personali fejn regoralment infurmajt lir- residenti b'kull inizzjattiva jew/u avviż tal- Kunsill lokali.

## *4.2 Konkluzjoni*

Din hija fil-qosor il-ħidma tal-Kunsill Lokali ta’ Ħal Tarxien għas-sena 2019 (Lulju-Dicembru). Ta' min jinnota li matul is-sena, apparti l-ħidma bla waqfien li saret mis-Sindku, l-Vici Sindku u l- Kunsilliera, saru ħafna aktar interventi u xogħolijiet mill-impjegati tal-Kunsill kemm dawk klerikali kif ukoll il-haddiema assenjati flimkien mas-Segretarji Eżekuttiv.

Dan kollu għen sabiex il-Kunsill jagħti l-aħjar servizz lir-residenti tieghu, għaliex dan huwa l-għan tal-ħidma ta’ l-istess Kunsill u ġie applikat u mħaddem b’mod mill-aktar konsistenti, u se jibqa’ jitħaddem bl-aħjar mod ‛l quddiem.

________________

Emma Vella
*Segretarju Ezekuttiv*